



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2021

### L-iżbalji jkomplu jolqtu l-infiq tal-UE: L-awdituri tal-UE jsejħu għal ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi għall-COVID fil-futur

Filwaqt li l-kontijiet tal-UE għas-sena finanzjarja 2020 jagħtu “stampa vera u ġusta” u d-dħul tqies li kien ħieles minn żball, il-pagamenti għadhom milquta minn wisq żbalji. Din hija l-konklużjoni tar-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) għas-sena finanzjarja 2020, li ġie ppubblikat illum. L-awdituri ħarġu opinjoni avversa dwar l-infiq għat-tieni sena konsekuttiva. Huma identifikaw ukoll riskji u sfidi relatati mal-implimentazzjoni u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE li tqiegħdu għad-dispożizzjoni b'rispons għall-kriżi tal-coronavirus.

L-awdituri sabu li l-livell kumplessiv ta' irregolaritajiet fl-infiq tal-UE baqa' stabbli, bi 2.7 % fl-2020 (2019: 2.7 %). Fl-2020, aktar minn nofs l-infiq li ġie awditjat (59 %) tqies bħala nfiq b'riskju għoli, żieda ulterjuri meta mqabbla mal-2019 (53 %) u qabel. Ir-regoli u l-kriterji ta' eliġibbiltà li jirregolaw dan it-tip ta' nfiq huma ta' spiss kumplessi, u dan jagħmilha aktar probabbli li jkun hemm żbalji. L-iżball materjali jkompli jolqot l-infiq b'riskju għoli f'rata stmata ta' 4.0 % (2019: 4.9 %). Bħal fis-sena preċedenti, l-awdituri għalhekk ikkonkludew li l-livell ta' żball f'dan it-tip sostanzjali ta' nfiq huwa pervażiv, u ħarġu opinjoni avversa fuq l-infiq tal-UE għall-2020.

Permezz tax-xogħol tal-awditjar tagħna, fl-2020 ġew irrappurtati sitt każijiet ta' frodi suspettata—ammont inqas mill-2019, meta kienu ġew irrappurtati disa' każijiet. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fetaħ investigazzjonijiet dwarhom kollha.

*“Bil-ħsieb tal-isfidi kbar li hemm għalina 'l quddiem, aħna rridu nibqgħu saħnsitra aktar għassa għas-solidità finanzjarja tal-UE,”* qal Klaus-Heiner Lehne, il-President tal-QEA. *“Matul is-seba' snin li ġejjin, l-UE se tonfoq sinifikattivament aktar milli nefqet fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Is-27 Stat Membr qablu fuq programm ta' rkupru għall-COVID-19, li se jiġi ffinanzjat permezz tal-ħruġ ta' dejn pubbliku. Din id-deċiżjoni timmarka bidla kbira fil-finanzi tal-UE. Hija tinvolvi ħtieġa ovvja għal verifiki effettivi dwar kif jintefqu flus l-UE, u jekk jnkisbux ir-riżultati intenzjonati.”*

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport annwali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Ir-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 se jkollu impatt sostanzjali ħafna fuq il-finanzi tal-UE: għall-perjodu finanzjarju 2021-2027, l-allokazzjoni ta' finanzjament ikkombinata mill-istrument Next Generation EU (NGEU) u l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) se tkun ta' EUR 1 824 biljun, kważi d-doppju tal-ammont ta' nfiq fil-perjodu preċedenti tal-QFP. Bil-ħsieb ta' dan il-finanzjament, l-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għar-riskju ta' bidu tardiv għall-implimentazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-perjodu finanzjarju 2021-2027. Bidu tardiv affettwa l-implimentazzjoni tal-fondi tal-perjodu finanzjarju 2014-2020 ukoll.

Il-QEA tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-assorbiment tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) min-naħa tal-Istati Membri baqa' aktar bil-mod milli ppjanat. Sa tmiem l-2020, is-sena finali tal-baġit attwali ta' seba' snin, kien tħallas biss 55 % tal-finanzjament mill-UE li kien ġie maqbul għall-perjodu 2014-2020. Dan kellu l-effett li kabbar l-impenji pendenti, li sa tmiem l-2020 kienu laħqu l-EUR 303.2 biljun, jiġifieri l-ekwivalenti ta' kważi żewġ baġits annwali. L-awdituri josservaw li hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Filwaqt li l-Finlandja, pereżempju, kienet assorbit 79 % tal-allokazzjoni totali tagħha sa tmiem l-2020, it-tliet Stati Membri fejn ir-rata ta' assorbiment kienet l-aktar baxxa (l-Italja, il-Kroazja u Spanja) kienu użaw biss madwar 45 % tal-ammonti impenjati tagħhom.

Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ma baqax Stat Membru tal-UE. L-awdituri osservaw li fil-31 ta' Diċembru 2020, il-kontijiet tal-UE kienu juru ammont ta' EUR 47.5 biljun dovut mir-Renju Unit abbażi tal-obbligi reċiproċi stabbiliti fil-ftehim dwar il-ħruġ.

### Informazzjoni ġenerali

Fl-2020, l-infiq tal-UE ammonta għal EUR 173.3 biljun, li jirrappreżenta 1.1 % tal-introjtu nazzjonali gross ikkombinat tal-Istati Membri tal-UE u tar-Renju Unit. "Riżorsi naturali" kien jikkostitwixxi l-akbar sehem ta' fondi (34.9 %). L-infiq fil-qasam ta' "Koeżjoni" kien jirrappreżenta 34.3 %, u l-infiq fil-qasam tal-"Kompetittività" 13.9 %. Madwar żewġ terzi tal-baġit jintefaq taħt "ġestjoni kondiviża", sistema li taħtha l-Istati Membri jiddistribwixxu l-fondi, jagħżlu l-proġetti u jimmaniġġjaw l-infiq tal-UE.

Kull sena, l-awdituri jawditjaw id-dħul u l-infiq tal-UE, filwaqt li jeżaminaw jekk il-kontijiet annwali humiex affidabbli, u jekk it-tranżazzjonijiet tal-introjtu u tal-infiq jikkonformawx mar-regoli applikabbli fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istati Membri.

Il-kontijiet tal-UE jitħejjew billi jiġu applikati regoli tal-kontabbiltà bbażati fuq l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku. Huma jagħtu rendikont tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE fi tmiem is-sena finanzjarja preċedenti, u tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha matul dik is-sena. Il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE tinkludi l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-entitajiet konsolidati tagħha fi tmiem is-sena, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fuq terminu twil.

Opinjoni "favorevoli" tfisser li ċ-ċifri jippreżentaw stampa vera u ġusta u jsegwu r-regoli tar-rappurtar finanzjarju. Opinjoni "kwalifikata" tfisser li l-awdituri ma jistgħux jagħtu opinjoni favorevoli, iżda li l-problemi identifikati mhumiex pervażivi. Opinjoni "avversa" tindika problemi mifruxa.

Sabiex ikunu jistgħu jaslu għal din l-opinjoni tal-awditjar, l-awdituri jittestjaw kampjuni ta' tranżazzjonijiet biex jipprovdu stimi bbażati fuq l-istatistika ta' kemm id-dħul u l-oqsma differenti ta' nfiq ikunu milquta minn żball. Huma jqabblu l-livell ta' żball stmat ma' soll ta' 2 %, jiġifieri r-rata li 'l fuq minnha d-dħul irregolari jew l-infiq irregolari jitqies li jkun materjali. Il-livell ta' żball stmat mhux kejl ta' frodi, ta' ineffiċjenza jew ta' ħela: huwa stima tal-flus li ma ntużawx f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali.

Il-QEA hija l-awditur indipendenti estern tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapporti u l-opinjoni tagħha huma element essenzjali tal-katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE. Dawn jintużaw biex jintalab rendikont mingħand dawk li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, u l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri. Il-QEA twissi dwar riskji, tipprova aċċertament, tindika nuqqasijiet u prassi tajba, u toffri gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi dwar kif jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE.

Ir-Rapport Annwali dwar il-baġit tal-UE, ir-Rapport Annwali dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u d-dokument sommarju "Awditu tal-UE fil-qosor 2020" huma disponibbli fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).